# ŻEWĠ KOTBA TA' NOVELLI




Mhux l-ewwel darba li għidtilkom kemm niġi mitlub nissuġġerixxi kotba ta' novelli. Għalkemm jidhirli li xorta f'pajjiżna l-aktar li jiġu pubblikati huma rumanzi, in-novelli qed jiżdiedu ferm kemm fil-popolarità mal-qarrejja kif ukoll fin-numru ta' pubblikazzjonijiet ġodda.

Qed nippreżentalkom żewġ kotba li jidhirli mhux daqstant dawk li ser jiġu tant kwotati, għallinqas nibbaża fuq dak li rajt s'issa. Naħseb ftit huma dawk li ma semgħux b'dawn iż-żewġ awturi. L-Onorevoli Imħallef Toni Abela bla dubju ta' xejn sirna nafuh aktar matul is-snin qabel ma beda jservi f'din il-kariga daqstant prestiġjuża, fejn segwejnieh speċjalment permezz tal-artikli li kien jikteb fil-ġurnali lokali. Is-Sur Alfred Massa mill-banda l-oħra huwa awtur ta' bosta kotba li jvarjaw minn rumanzi, novelli sa poeżiji. Flimkien ma' Mons. Amante Buontempo, Massa kien waqqaf l-Għaqda Poeti Maltin li tagħha kien serva bħala President għal numru ta' snin.

## L-Imxennqa għall-Ġiżirana u stejjer oħra ta' Toni Abela

Inkun qed nigdeb jekk ngħid li ma xtaqtx li nakkwista dan il-ktieb L-Imxennqa għall-Ġiżirana u stejjer oħra għaliex huwa tal-Imħallef Toni Abela. Iżda kull min jaf jew forsi ltaqa' ma' Toni Abela (qed nuża l-isem mingħajr titli apposta bħala awtur), imqar permezz tal-mezzi tax-xandir, naħseb kollha tafu kemm jaf iħaddem tajjeb il-Malti. Abela mhux biss huwa letterat kbir iżda l-esperjenza tiegħu, għal ħafna snin qarrbitu lejn ħafna nies u jaf juża sew il-Malti mitħaddet.

Ix-xogħol tal-imħallef huwa propju li jiġġudika, iżda żgur mhux hekk qed jagħmel f'dan il-ktieb, għaliex la jiġġudika lill-karattri tiegħu u lanqas jiggwida żżejjed il-qarrej sabiex kif għandu jinterpreta. Il-karattri huma mera tas-soċjetà bla ebda agenda li waqtiet nibża' li qed ikunu infilsati f'numru ta kotba, bħal ngħidu aħna dik liberali jew inkella mill-banda l-oħra dik Kattolika. L-awtur u kritiku Immanuel Mifsud fil-kopertina ta' dan il-ktieb jgħid, "B'xorti tajba għall-qarrejja, Toni Abela l-imħallef ma jindaħalx lil Abela n-novellist fi stejjer bħal dawn, u allura l-ġudizzju finali jibqa' fid-deskrizzjoni ta' min qiegħed jaqra."

L-aktar li laqatni f'dawn in-novelli huwa d-diversità fit-temi, bħal donnu m'hemmx limitu kemm dan il-ktieb jistħajjel. Ir-rikkezza artistika fl-immaġinazzjoni tiżżewweġ mal-esperjenza wkoll tal-awtur fosthom tal-ivjaġġar u evidentament tal-qari. Għaldaqstant it-temi ewlenin li ser nislet f'dn il-ħarsa letterarja ser ikunu (a) l-Immaġinazzjoni (b) Is-Sorpriża (c) Is-Sensittività (d) Vjaġġi. Fl-aħħar nett imbagħad, ser ngħid xi ħaġa dwar l-istil.

## L-Immaġinazzjoni

Dawn in-novelli huma mżewqa sew b'sitwazzjonijiet fittizji minsuġin mill-istħajjil tal-moħħ tal-awtur u li saħansitra jistiednu lill-qarrejja sabiex miegħu jimirħu fl-immaġinazzjoni.

Insibu fost oħrajn stejjer mistħajla b'għeruq storiċi. Ngħidu aħna fin-novella "Eva" (p.120) li kif forsi ndunajtu hija referenza għal mara ta' Adolf Hitler imma bi storja kompletament maħluqa mill-awtur. Stejjer marbuta mal-Vatikan iqajmu ħafna kurżita

F'"Resurexxit" (p.49) niltaqgħu mal-Kardinal Jose Maria De Sousa il-kuratur tal-Mużew tal-Kardinal u espert fl-arkeoloġija biblika kif ukoll mal-Professur Bertrand Forsythe, arkeologu mill-aqwa li iżda ilu li kisirha mal-Vatikan. Forsythe kien konvint li l-qabar ta' Kristu ma kinex fejn nafuh illum iżda 'l barra mill-ħitan ta' Ġerusalemm.

Stejjer oħra imbagħad huma kompletament fantaxjenza. F'"Shaina fil-Mużew" (p.44), niltaqgħu ma' Rasha li kienet umanoid u karattri oħrajn fis-sena 3782.

## Is-sorpriża

Element importanti ħafna f'dawn in-novelli huwa dak tas-sorpriża. L-awtur innifsu jgħidilna hekk dwar in-novelli tiegħu:

"In-novelli tiegħi huma riflessjoni fuq is-sorpriżi u l-inaspettabli li ġġib magħha l-ħajja. F'ħafna minnhom, fl-aħħar għandhom twist li twaqqa' kull konklużjoni antiċipata tal-qarrej. Dik hija ż-żbiba fl-aħħar tal-istorja, li fil-lingwaġġ letterarju nsibuha bħala denouement, kelma oħra flok il-ħall tal-għoqda."

## Sensittività

Huwa evidenti kemm l-awtur jipprova jifhem il-persuna umana, bid-dgħjufijiet kollha tagħha. M'hemmx perfezzjoni fil-bniedem u kif ngħidu, mis-sema `l isfel kulħadd huwa l-istess. In-novella "Oqtolni!" (p.36) lii ġġgħalni naħseb. Qed nispiċċaw noqtlu lill-annimali forsi wisq malajr? Il-ħajja għażiża wisq għal bniedem imma kemm -il dabra nisimgħu li jraqqdu klieb.

"Apfelstrudel" (p.146) titratta tema komuni ħafna ta' piki familjari li ħafna drabi jwasslu għal tmiem mhux mixtieq. Xi ħaġa li xi kultant nazzarda ngħid tkexkixni meta jkun hemm xi delitt bejn dawk li suppost wieħed jistenna li jkunu l-aktar qrib ta' xulxin hija l-omerta' u anke t-tentattivi li wieħed jaħrab mill-ġustizzja għalkemm ix-xjenza llum qiegħda tikber ukoll.

It-tema tal-Ibbuljar toħroġ bil-qawwi fl-istorja "Is-sħaħar jinħarqu" (p.29) fejn dak li għaddiet minnu Sophie kien wieħed ikrah immens u ta' umiljazzjoni kbira. Fl-aħħar imbagħad ser naraw il-vendetta.

## Vjaġġi

Kieku kelli nwessa' s-sens ta' vjaġġ ngħid li dawn in-novelli jixhdu esperjenza ta' vjaġġar f'bosta poeżiji kif ukoll ta' vjaġġi immaġinarji permezz tal-qari. Hawnhekk iżda ser nitkellem biss dwar